MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1236/2011

**Public Broadcasting Services Limited**
**(C – 13140)**

**vs**

**Freemans International Company Limited**
**(C – 11839)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-14 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata fuq indikata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti fuq ukoll indikata l-ammont ta' wiehed u tletin elf, seba' mija u sitta u ghoxrin Ewro u erbgha u erbghin centezmu, (€31,726.44), bilanc minn

soma akbar ghal reklamar, xandir u provvisti ohra rezi lilha mis-socjeta` rikorrenti;

2. Illi nonostante li nterpellata diversi drabi biex thallas l-ammont dovut, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti;

3. Illi stante li l-ammont dovut fuq indikat hu cert, likwidu u dovut, il-procedura *de quo* giet intavolata *ai termini* tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi ghaldaqstant l-istess socjeta` rikorrenti talbet lil din il-qorti biex:

i. Tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh skont il-ligi;

ii. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas lir-rikorrenti l-ammont minnha dovut fuq gia` ndikat, rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghar-ragunijiet fuq gia` esposti;

iii. Bl-ispejjez kif mitluba mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur in dizamina, bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-effettiv pagament;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li s-socjeta` ntimata giet debitament notifikata b'din il-procedura u bl-avviz ghas-smiegh relattiv skont il-ligi;

Semghet lix-xhud prodott;

Rat in-nota tas-socjeta` ntimata datata l-20 ta' Novembru, 2012, li permezz taghha ammettiet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara fol 111);

Ikkunsidrat:

Illi in vista tax-xhieda u tal-**ammissjoni** prodotta din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata Freemans International Company Limited hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' wiehed u tletin elf, seba' mija u sitta u ghoxrin Ewro u erbgha u erbghin centezmu, (€31,726.44), bilanc minn somma akbar;

2. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata fuq indikata thallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti fuq riferita;

3. Bl-ispejjez kif mitluba mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur in dizamina, bl-imghaxijiet skont il-ligi kif mitlub sal-effettiv pagament.

______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------